TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fil-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT G9/15/MS

Anna Cordina Costa
vs
Justin Buttigieg - Reboot

Illum, 15 ta' April 2016

It-Tribunal

Wara li ra l-avviz tal-25 ta' Gunju 2015 u r-riposta tat-2 ta' Lulu 2015.

Wara li ra l-atti kollha u sema' x-xhieda.

Irrizulta mill-provi li ghal habta ta' Novembru tal-2014 ir-rikorrenti u t-tifel taghha Gilbert Bezzina marru ghand il-konvenut illi jopera hanut ghall-bejgh ta' *computers* biex jordnaw *computer parts* halli t-tifel ikun jarmah u jghaqqdu u juzah ghal fini tat-taghlim tieghu l-MCAST peress illi s-suggett tieghu huwa *computer studies.*

Minkejja li l-intimat kien assikurahom li l-*parts* kienu ser jaslu Malta fiz-zmien xahar dawna baqghu ma gewx qabel Marzu tal-2015. It-tifel Gilbert kien prezenti meta l-intimat kien qieghed ighaqqad dan il-kompjuter bil-*parts* migjuba. Wara biss siegha u nofs ta' uzu il-kompjuter ma hadimx. Ir-rikorrenti irrikorriet ghand l-intimat u dan allega illi il-kompjuter ma hadmix peress illi gie *overloaded.* Dan gie negat kompletament mir-rikorrenti u t-tifel taghha. Wara hafna argumenti il-*motherboard* originali intbghat barra minn Malta ghat-tiswija izda dan qatt ma gie lura ghand ir-rikorrenti u hi kienet kostretta tixtri *motherboard* iehor minghand ditta ohra u f'din il-kawza qieghda titlob rifuzjoni tal-ammont illi hallset ghal dan il-*motherboard* u cjoe €191.44.

Min-naha l-ohra l-intimat filwaqt illi jikkonferma illi ssuplixxa l-partijiet u ghaqqad dan il-kompjuter, qed jallega illi ma kien hemm xejn hazin bil-mond kif rama l-kompjuter u jekk il-motherboard kellu jinbidel, dana sar ghaliex gie uzat hazin. Madankollu, kien lest li jhallas nofs il-prezz tieghu biex jaghlaq din il-kwistjoni izda r-rikorrenti irrifjutat ghax riedet *motherboard* gdid jew rifuzjoni totali.

**Ikkunsidra**

Illi jibda biex jinghad illi mhux sew illi kumpanija tintriga biex taqdi klijent, tiprometti data ta' konsenja u din titwal b'diversi xhur bi pregudizzju ghal-klijent. Pero, tajjeb jew hazin, il-*parts* waslu u l-intimat ghaqqad dan il-computer fil-presenza tat-tifel tar-rikorrenti,

Gilbert Bezzina. Wara hafna hin, ix-xoghol tlesta u Bezzina ha l-kompjuter id-dar. Skond dan tal-ahhar, uzah biss darba ghal siegha u nofs u meta mar biex jerga' juzah il-kompjuter ma xeghelx u ttiehed lura ghand l-intimat. Dan huwa korroborat mill-istess intimat meta jghid li l-kompjuter gie ritornat jumejn wara u skond hu l-kawza tal-hsara kien '*misuse*' il-għaliex gie *overloaded*.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent u l-intimat ma waslux fi ftehim fuq din il-kwistjoni minkejja li r-rikorrenti u binha soffrew pregudizzji kbar minhabba d-dewmien u n-nuqqas ta' professjonalita' tal-intimat illi jipprovdi oggett illi jiffunzjona u tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intenzjonat. Ma hemmx dubju illi darba li l-kompjuter gie armat mill-intimat, dan kellu jkun kopert bil-garanzija anke jekk l-intimat ma jitkellem xejn dwar dan u ma jipprovdix garanzija bil-miktub. Dan ma jippregudikax id-dritt tal-konsumatur illi jibbenefika minn garanzija statutorja provduta mill-ligi.

Ili l-kompjuter gralu hsara fi zmien verament qasir wara illi gie konsenjat lir-rikorrenti u bir-ragun dina ppretendiet illi l-parti bil-hsara u cjoe' il-*motherboard*, tigi mibdula. Ta' min jirrileva illi *motherboard* mhijiex xi haga li tissewwa imma ghandha tigi rijimpjazzata bhala parti shiha. Peress illi Gilbert Bezzina kellu bzonn dan il-kompjuter ghal fini tal-istudji tieghu, kien indispensabbli illi l-*motherboard* tkun installata fil-kompjuter kemm jista' jkun malajr. Ir-rikorrenti ma sabitx il-kooperazzjoni tal-intimat f'dan ir-rigward u ghalhekk kellha tirrikorri ghal xiri ta' *motherboard* minghand ditta ohra. L-ilment tal-intimat illi kien l-istess Gilbert Bezzina illi ghamel hsara lill-*motherboard* mhuwiex verosimili. L-ewwel nett ghaliex Bezzina jidher illi huwa intiz sew fil-qasam tal-computers li huwa s-suggett tal-istudju tieghu u t-tieni illi l-hsara mmanifestat ruhha fil-bidu nett tal-operazzjoni tal-*motherboard*. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ghandha ragun u timmerita rifuzjoni tal-ammont shih tal-*motherboard* li xtrat.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat illi jhallasha s-somma ta' €191.44, prezz ta' *motherboard* mixtri mir-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Dr Michela Spiteri
Arbitru